



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Marzu 2012 — Gollnisch vs Il-Parlament

(Kawża C-569/11 P(R))

“Appell — Proċeduri għal miżuri provviżorji — Privileġġi u immunitajiet — Tneħħija tal-immunità ta' membru tal-Parlament Ewropew — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Urġenza”

1. *Appell — Aggravji — Sempliċi repetizzjoni tal-motivi u l-argumenti mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali — Inammissibbiltà (Artikolu 256 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 112(1)(c)) (ara l-punti 18, 19)*
2. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-ġoti — Urġenza — Dannu gravi u irreparabbli — Oneru tal-prova — Twettiq tad-dannu li jiddependi minn avvenimenti futuri u inċerti — Nuqqas ta' urġenza (Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE) (ara l-punt 27)*

Suġġett

Appell ippreżentat kontra d-digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Settembru 2011, Gollnisch vs Il-Parlament (T-346/11 R).

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) B. Gollnisch huwa kkundannat għall-ispejjeż.